# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU

## Skola Sekondarja, Ħal Kirkop

### EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2015/2016

**Rotta 1**

| IT-TIELET SENA | IL-MALTI (Fehim mis-Smigħ) | IL-ĦIN: 15-il minuta |
|---|---|---|

## Il-KARTA TAL-GĦALLIEM

**L-Ewwel Silta: Il-Girna Maltija**

Il-kampanja Maltija hija miżgħuda b'sensiela ta' giren tondi, kwadri u rettangolari. Il-girna tinbena b'sengħa kbira, bit-tqegħid ta' ġebel tas-sejjieħ waħda ftit 'il barra iktar mill-oħra sakemm jagħlqu f'għamla ta' koppla. Il-girna tvarja anki fid-daqs - minn waħda ċkejkna b'dijametru ta' metru, sa waħda kbira ta' kważi ħames metri.

Il-bidwi kien jibni l-girna fir-raba' li jaħdem fih biex ikun jista' jistrieħ fiha waqt is-sigħat sħan tal-jiem tas-sajf, inkella waqt xi ħalba xita matul ix-xitwa. Ma' nżul ix-xemx kien jieqaf mix-xogħol, jerfa' l-għodda ġewwa l-girna u jmur lejn daru. F'din il-kamra kien hemm ukoll min iżomm xi annimali, fosthom nagħaġ u mogħoż.

Illum il-girna qiegħda biex it-turisti jaraw u japprezzaw kif il-bidwi Malti u Għawdxi kien jibni kenn għalih bil-fdal tal-ġebla Maltija.

**Taħriġ A:** **Immarka Veru jew Falz skont dak li smajt fis-silta.** (5 marki)

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-girna tista’ tinbena f’forma tonda biss. | | |
| 2. | Is-saqaf tal-girna jinħadem f’forma ta’ koppla. | | |
| 3. | Il-bidwi kien juża l-girna biex jistrieħ u biex jerfa’ l-għodda fiha. | | |
| 4. | Il-bdiewa ma kinux iżommu annimali fil-girna. | | |
| 5. | Illum il-ġurnata, il-girna hi attrazzjoni turistika. | | |

**It-Tieni Silta: Kartiera Mitlufa**

Mark u Jeffrey kienu fl-aħħar sit tal-karozza tal-linja jitkellmu bejniethom. Iż-żewġt iħbieb kienu deħlin sal-Belt biex jixtru par żarbun kull wieħed. F’ħin minnhom Jeffrey waqqa’ l-biljetti u meta tbaxxa biex jiġborhom sab kartiera pulita.

“Naħseb li ta’ dawn,” qallu Mark minn taħt l-ilsien waqt li xejjer rasu lejn żewġ nisa li kienu rekbin fis-sit ta’ quddiemhom. Jeffrey poġġa sebgħu fuq xufftejh biex isikket lil sieħbu u fetaħha biex jara x’kien fiha. Kienet mimlija bil-karti tal-flus. Jeffrey reġa’ għalaqha, għemeż lil sieħbu u xeħetha fil-but.

Mark deher jitqarras. “Ara hix ta’ dawn ta’ quddiemna,” reġa’ stieden lil Jeffrey, dejjem minn taħt l-ilsien.

“Ta’ dawn m’hix żgur!” qallu Jeffrey. “Din kartiera tal-irġiel!”

“Tridx nibqgħu sejrin biha l-Għassa tal-Pulizija tal-Belt? Jekk sidha ma jinstabx fi żmien sena l-Pulizija jerġgħu jagħtuha lilek.”

“Ara ma mmorru biha mkien. Dik se nżommha jien. Meta jien tlift il-ġiżirana tad-deheb ħadd ma ġie jagħtihieli. Mela li nsib jien inżommu. Li tlift ma tawhulix, mela li nsib ma ntihulhomx.”

**Taħriġ B:** **Wieġeb skont kif smajt fis-silta.** (5 marki)

1. Mark u Jeffrey kienu (fin-naħa ta' quddiem, lejn in-nofs, fin-naħa ta' wara) tal-karozza tal-linja.
2. Quddiem iż-żewġt iħbieb żgħażagħ kien hemm (raġel u mara, żewġ anzjani, żewġ nisa).
3. Fil-kartiera kien hemm (xi biljetti ta' kunċert, ħafna karti tal-flus, ftit muniti).
4. Jeffrey (ta l-kartiera lix-xufier, ħadha l-għassa tal-pulizija, żammha għalih).
5. Jeffrey kien tilef (arloġġ tad-deheb, ċurkett tal-fidda, ġiżirana tad-deheb).